

Brussell, 25 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15842/24

SOC 844
ANTIDISCRIM 160
EMPL 579
FREMP 431

NOTA

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: 15547/24	
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità permezz ta' impjieg, akkomodament raġonevoli u riabilitazzjoni - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "It-trawwim tal-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità permezz ta' impjieg, akkomodament raġonevoli u riabilitazzjoni".
2. Il-Konklużjonijiet ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fis-6 ta' Settembru u fl-1 ta' Ottubru 2024.
3. Fit-22 ta' Novembru 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil milħuq dwar l-abbozz ta' Konklużjonijiet, kif jinsab fl-Anness tad-dokument 15547/24.
4. It-test ippreżentat fl-Anness huwa identiku għat-test ikkonfermat mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (dok. 15547/24), fejn l-unika differenza hija n-nuqqas tal-marki tal-ifformattjar¹.

¹ Il-paragrafi ġew innumerati mill-ġdid b'mod sekwenzjali.

5. Il-Kunsill huwa mistieden japprova t-test tal-abbozz ta' Konklużjonijiet kif jinsab fl-Anness.

**Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar it-trawwim tal-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità
permezz ta' impjieg, akkomodament raġonevoli u riabilitazzjoni**

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI

1. Id-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huma valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif stipulat fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni hija impenjata li tiġġielel l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni u anki li tappoġġa l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità.
2. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD) ġiet konkluża mill-Unjoni u rratifikata mill-Istati Membri kollha. Il-Partijiet għall-Konvenzjoni impenjaw ruħhom li jieħdu l-passi effettivi u meħtieġa kollha biex jippromwovu, jipproteġu u jiżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali minn persuni b'diżabilità, inkluż il-promozzjoni tal-ugwaljanza u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Dan jinkludi l-iżgurar kemm tal-aċċessibbiltà kif ukoll tal-akkomodament raġonevoli fl-oqsma kollha tal-ħajja, inkluż, pereżempju, l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjieg, is-servizzi soċjali u ta' appoġġ u l-kura tas-saħħa. Il-Partijiet impenjaw ruħhom ukoll li jistabbilixxu servizzi u programmi komprensivi ta' abilitazzjoni u riabilitazzjoni, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa, l-impjieg, l-edukazzjoni u s-servizzi soċjali, kif ukoll servizzi u programmi li jippromwovu d-dritt ugwali għal għajxien indipendenti u komunitarju. Il-Partijiet impenjaw ruħhom ukoll li jikkonsultaw mill-qrib mal-persuni b'diżabilità u li jinvolvuhom b'mod attiv fil-proċessi tal-iżvilupp u tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki relatati magħhom, permezz tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom.

3. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jista' jservi bħala gwida lejn Ewropa li tkun ġusta, inklużiva u mimlija opportunitajiet. Il-prinċipji kollha tal-Pilastru huma rilevanti għall-persuni b'diżabilità, b'mod partikolari l-Prinċipju 17 tal-Pilastru, li jissottolinja l-importanza tal-inklużjoni soċjali tagħhom.
4. L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030 ("Strateġija tal-UE dwar id-Diżabilità") tidentifika oqsma ta' ħidma li huma ta' importanza partikolari għall-aċċess tad-drittijiet tagħhom fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor kif ukoll għall-ġlieda kontra l-inugwaljanzi. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Diżabilità għandha l-għan li ttejjeb il-ħajja tal-persuni b'diżabilità permezz ta' azzjonijiet koordinati fil-livell tal-UE u dak nazzjonali. Din tissottolinja l-importanza li jiġu żgurati kwalità ta' ħajja deċenti u għajxien indipendenti, li għalihom huma essenzjali servizzi soċjali, tas-saħħa u tal-impjieg ta' kwalità għolja, akkomodazzjoni mingħajr ostakli u inklużiva, taġlim tul il-ħajja u protezzjoni soċjali adegwata, kif ukoll l-importanza tal-aċċessibbiltà, bħala faċilitaturi tad-drittijiet, l-awtonomija u l-ugwaljanza. Tiddikjara wkoll li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-UE għandhom iqisu l-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità meta jfasslu, jimplimentaw u jimmonitorjaw il-politiki, il-leġislazzjoni u l-programmi ta' finanzjament permezz ta' azzjoni mmirata u tal-integrazzjoni. Tippromwovi wkoll perspettiva intersezzjonali.
5. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Diżabilità tirrikonoxxi li t-trawwim tal-aċċess għal impjieg sostenibbli u ta' kwalità għolja huwa kruċjali għall-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità, u tappella lill-Istati Membri biex, sal-2024, jistabbilixxu mira biex tiżdied ir-rata ta' impjieg tal-persuni b'diżabilità u titnaqqas id-differenza bejn ir-rati ta' impjieg tal-persuni b'diżabilità u ta' dawk mingħajr diżabilità. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jappoġġa l-progress lejn il-miri ewlenin u nazzjonali tar-rata tal-impjieg għall-2030.

6. Bħala waħda mis-seba' inizjattivi ewlenin tal-Istrateġija tal-UE dwar id-Diżabilità, il-Kummissjoni ressqet il-Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabilità - sett ta' linji gwida u prattiki li fihom passi prattiċi u eżempji marbuta mar-reklutaġġ, it-tfittix u ż-żamma fl-impjieg ta' persuni b'diżabilità. L-"Akkomodament raġonevoli fuq il-post tax-xogħol - linji gwida u prattiki tajba" (minn hawn 'il quddiem: Il-Linji Gwida) jipprovdu informazzjoni, eżempji prattiċi u referenzi biex jgħinu lill-impjegaturi jissodisfaw ir-rekwiżit ta' akkomodament raġonevoli; barra minn hekk, jistabbilixxu r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi differenti, kif ukoll l-istadji differenti li fihom għandu jiġi provdut tali akkomodament.
7. L-obbligu li jiġi provdut akkomodament raġonevoli lill-persuni b'diżabilità huwa stabbilit fid-Direttiva 2000/78/KE, li tistabbilixxi qafas ġenerali għat-trattament ugwali fl-impjieg u fix-xogħol.
8. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet qafas għall-ekonomija soċjali tirrikonoxxi li l-entitajiet tal-ekonomija soċjali jistgħu joħolqu u jżommu impjiegi ta' kwalità għolja, u b'hekk jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol ta' gruppi żvantaġġati u sottorappreżentati, inkluż persuni b'diżabilità, u biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għal kulħadd.

9. Il-Kunsill enfasizza wkoll, fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità għall-2021-2030, u fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, adottati fl-2021 u fl-2022 rispettivament, li l-persuni b'diżabilità għadhom jiffaċċaw diversi ostakli biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol, li wħud minnhom jirriżultaw minn kunċetti żbaljati rigward il-kost tal-aġġustament fuq il-post tax-xogħol u l-forniment ta' akkomodament raġonevoli. Il-Kunsill issottolinja wkoll l-importanza tal-aċċess għal servizzi komprensivi ta' riabilitazzjoni sabiex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol. Konsegwentement, il-Kunsill enfasizza l-importanza vitali li jiġi żgurat akkomodament raġonevoli u li l-impjegaturi jiġu appoġġati biex jipprovdu tali akkomodament, u appella lill-Istati Membri biex jippromwovu l-impjieg ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol miftuħ bl-użu tal-ġhodod kollha disponibbli, inkluż billi tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-qgħad jew l-inattività għal suq tax-xogħol miftuħ permezz ta' riabilitazzjoni komprensiva u tgawdiya ugwali tad-drittijiet tal-ħaddiema, inkluż għal daww f'impjieg protett. Għal dak il-għan, il-konklużjonijiet enfasizzaw ukoll il-ħtieġa li jiġi rikonoxxut u promoss ir-rwol tal-impjegaturi fl-impjiegi protetti, kif ukoll tal-intrapriżi soċjali, fl-appoġġ tal-inklużjoni progressiva u t-tranżizzjoni lejn is-suq tax-xogħol miftuħ.
10. Il-Parlament Ewropew enfasizza wkoll il-bosta sfidi biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jgawdu drittijiet sħaħ u ugwali, inkluż fil-qasam tal-impjieg u l-inklużjoni soċjali u ekonomika. Il-Parlament enfasizza li akkomodament raġonevoli huwa dritt tal-persuni b'diżabilità, u qies li għandha tiġi promossa s-sensibilizzazzjoni dwar dik il-kwistjoni.

11. Fl-opinjoni tiegħu, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (minn hawn 'il quddiem: KESE) jirrikonoxxi l-isfidi sinifikanti li jiffaċċaw il-persuni b'diżabilità, speċjalment in-nisa, b'mod partikolari fir-rigward tal-impjieg u l-inklużjoni soċjali. Jiddikjara wkoll li, minkejja li forum alternattivi ta' impjieg jintużaw ħafna fl-Istati Membri, ir-rati ta' tranżizzjoni minn tali forum ta' impjieg għas-suq tax-xogħol miftuħ għandhom tendenza jkunu baxxi ħafna. Għaldaqstant, il-KESE jhegġegħ it-tranżizzjoni lejn is-suq tax-xogħol miftuħ permezz tal-awtonomizzazzjoni, it-taħriġ u l-edukazzjoni, l-intraprenditorija u l-appoġġ fuq il-post tax-xogħol. Ihegġegħ ukoll l-istabbiliment ta' fond konġunt għal akkomodament raġonevoli ffinanzjat mill-impjegaturi, u jirrakkomanda konformità ma' konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti bħala kundizzjoni għal inċentivi relatati ma' għajjnuna mill-Istat. Jgħid ukoll li t-teknoloġija u l-intelliġenza artifiċjali huma utli biex jizjed l-impjieg ta' persuni b'diżabilità. L-opinjoni tenfasizza l-fatt li l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida hija essenzjali għall-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol inklużivi u biex jizjed l-għarfien ta' sussidji rilevanti.
12. Skont l-istħarriġ Statistika tal-Unjoni Ewropea dwar l-Introjt u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien tal-2023 (UE-SILC), proporzjon kbir ta' persuni li għandhom 16-il sena jew aktar u daww fl-età tax-xogħol (20-64) iddikjaraw lilhom infushom bħala li għandhom diżabilità ħafifa jew severa (26.8 %² u 19.4 %³ rispettivament).⁴

² 24.3 % għall-irġiel u 29.2 % għan-nisa.

³ 18.1 % għall-irġiel u 20.8 % għan-nisa.

⁴ https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/hlth_silc_20/default/table?lang=en; imkejla permezz ta' awtodikjarazzjoni ta' xi limitazzjoni tal-attività jew limitazzjoni tal-attività severa; l-istħarriġ iħares biss lejn in-nies li jgħixu f'unitajiet domestiċi privati, u ma jgħorx informazzjoni dwar l-istituzzjonijiet.

13. Fl-2023, 51.7 %⁵ tal-persuni fl-UE li kellhom 65 sena jew aktar iddikjaraw⁶ li kellhom dizabilità⁷. Fir-Rapport dwar it-Tixjiħ tal-2024, instab li s-sehem tal-popolazzjoni tal-età ta' 65 sena u aktar huwa mistenni li jiżdied minn madwar 20 % fl-2019 għal 30 % sal-2070, filwaqt li l-proporzjon ta' persuni tal-età ta' 80 sena u aktar huwa mistenni li jiżdied għal 13 %, li huwa aktar mid-doppju taċ-ċifra eżistenti. Dan it-tibdil demografiku jista' jwassal għal żieda fil-prevalenza tad-diżabilità u għalhekk fil-ħtieġa għal assistenza u għal servizzi soċjali u ta' appoġġ.
14. Barra minn hekk, abbażi tal-aħħar data disponibbli, madwar 50.9 % biss tal-persuni ta' bejn l-20-64 sena b'diżabilità kellhom impjieg fl-2021, meta mqabbla ma' 74.8 % tal-persuni tal-istess età mingħajr dizabilità⁸. Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali, id-differenza fl-impjegi tal-persuni b'diżabilità fl-Unjoni kienet ta' 21.5 pp⁹ fl-2023, li turi titjib minimu matul l-aħħar għaxar snin, minn 22.7¹⁰ pp fl-2014. Id-differenza hija akbar għall-persuni b'diżabilità severa milli għall-persuni b'diżabilità moderata (36.5 pp meta mqabbel ma' 13.3 pp fl-2023). B'mod simili, skont l-istħarriġ tal-UE-SILC, fl-2023, il-persuni b'diżabilità tal-età ta' 16-il sena jew aktar kienu aktar esposti għar-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali (28.8 %¹¹) mill-persuni mingħajr diżabilità (18.0 %¹²)¹³. Barra minn hekk, l-istudji juru li l-qligħ kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel b'diżabilità huwa aktar baxx minn dak tal-persuni mingħajr dizabilità¹⁴.

⁵ 48.5 % għall-irġiel u 54.2 % għan-nisa.

⁶ https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/hlth_silc_20/default/table?lang=en

⁷ Il-kwestjonarju tal-UE-SILC uża t-terminoloġija ta' "limitazzjonijiet fit-tul awto-perċepiti fl-attivitajiet tas-soltu minħabba problemi tas-saħħa" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

⁸ L-istħarriġ tal-UE-SILC uża t-terminoloġija tal-Istrument Globali tal-Limitazzjoni fl-Attività (GALI).

⁹ 23.2pp għall-irġiel u 19.1pp għan-nisa.

¹⁰ 24.8pp għall-irġiel u 20.0pp għan-nisa.

¹¹ 27.5 % għall-irġiel u 29.7 % għan-nisa.

¹² 17 % għall-irġiel u 19 % għan-nisa.

¹³ https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/hlth_silc_20/default/table?lang=en

¹⁴ Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2023 - Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi: [European Union | Disability | Money | Intersecting inequalities | 2023 | Gender Equality Index | European Institute for Gender Equality \(europa.eu\)](#)

15. Inqas nisa b'diżabilità mill-irġiel b'diżabilità huma parti mill-forza tax-xogħol, jiġifieri jew impjegati jew qed ifittxu impjieg¹⁵. Barra minn hekk, proporzjon akbar ta' nisa b'diżabilità jaħdmu part-time¹⁶.
16. F'dawn l-aħħar snin ma kien hemm l-ebda żieda sinifikanti fl-impjieg ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol miftuħ. L-analiżi tal-Eurofound ippubblikata fl-2023 enfasizzat id-differenzi fis-suq tax-xogħol u fir-rati ta' impjieg tal-persuni b'dizabilità¹⁷. Sabet ukoll li ċerti gruppi soċjali għadhom sottorappreżentati fis-suq tax-xogħol, minkejja li l-inklużjoni tagħhom tista' tisfrutta l-potenzjal tal-forza tax-xogħol tal-UE u żżid il-koeżjoni soċjali. Li jingħelbu l-ostakli għall-impjieg għal dawk il-gruppi jista' jagħti kontribut kbir biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħaddiema u ħiliet, kif enfasizzat fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fl-UE, li jidentifika n-nuqqas ta' impjegi adattabbli, ir-reklutaġġ inklużiv u t-taħriġ inklużiv bħala ostakli għall-parteciġazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA LI:

17. Huwa essenzjali li jiġi rikonoxxut, salvagwardjat u promoss id-dritt tal-persuni b'diżabilità li jaħdmu fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, f'konformità mal-obbligi stipulati fil-leġiżlazzjoni applikabbli tal-UE u fl-istrumenti internazzjonali.
18. Id-diversità għandha impatt pożittiv fuq il-prestazzjoni u l-produttività tal-impjegati. L-organizzazzjonijiet b'forza tax-xogħol diversa jistgħu joffru varjetà ta' soluzzjonijiet għall-kompiti u l-isfidi li jiffaċċaw. L-impjegati minn sfondi differenti jikkontribwixxu bl-għarfien u l-esperjenza professjonali tagħhom għall-adattament għas-swieq li qed jinbidlu u għall-ħtiġijiet tal-klijenti. Il-prattiki tal-Istati Membri miġbura fil-Linji Gwida juru wkoll l-effetti pożittivi tad-diversità tal-impjegati.

¹⁵ Opinjoni: L-integrazzjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità – Il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità u tal-persuni b'kapaċità għax-xogħol mibdula (SOC/807)

¹⁶ EIGE, Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2023 - <https://eige.europa.eu/gender-equality-index/2023>

¹⁷ Eurofound (2023). Changing labour markets – How to prevent a mismatch between skills and jobs in times of transition – Dokument ta' sfond, Eurofound, Dublin

19. Għalkemm il-kunċetti u s-sistemi ta' politika tal-Istati Membri jvarjaw b'mod sinifikanti, kif enfasizzat mill-Istrateġija tal-UE dwar id-Diżabilità għad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, il-parteċipazzjoni fl-impjieg hija l-aħjar mezz biex jiġu żgurati l-awtonomija ekonomika u l-inklużjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità. Filwaqt li l-isforzi biex jiżdied l-impjieg ta' persuni b'diżabilità għandhom jiffukaw fuq impjegi fis-suq tax-xogħol miftuħ, ambjenti alternattivi barra mis-suq tax-xogħol miftuħ (eż. workshops protetti, impjieg protett) għandhom jeżistu. Dawk l-ambjenti alternattivi jvarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri, u r-rata ta' tranżizzjoni minn daww l-ambjenti għas-suq tax-xogħol miftuħ hija baxxa ħafna fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, minkejja l-isforzi biex ikun hemm konformità mal-UNCPRD.
20. L-Istati Membri għandhom bosta għodod għad-dispożizzjoni tagħhom biex jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol. Politiki attivi tas-suq tax-xogħol (eż. taħriġ mill-ġdid, titjib tal-ħiliet, servizzi ta' riabilitazzjoni u traineeships) u miżuri oħra (eż. il-promozzjoni ta' assistenza personali fuq il-post tax-xogħol, impjegi appoġġati, premijiet ta' impjegi inklużivi, sistemi ta' kwoti u kampanji ta' sensibilizzazzjoni), kif ukoll appoġġ għal impjieg indipendenti, negozji ġodda u l-ħolqien ta' intrapriżi soċjali bħala parti mill-ekonomija soċjali jistgħu jinfluwenzaw b'mod pożittiv u jtejbju l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà u jippromwovu t-trattament ugwali fis-swieq tax-xogħol.
21. L-aċċessibbiltà għall-ambjent mibni (inkluż il-postijiet tax-xogħol), it-trasport (inkluż għal postijiet ta' impjieg) u l-informazzjoni u l-komunikazzjoni (inkluż teknoloġiji u sistemi), flimkien ma' teknoloġiji ta' assistenza, hija prekondizzjoni essenzjali għat-trattament ugwali ta' persuni b'diżabilità u l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol. Il-prinċipju tal-aċċessibbiltà huwa stabbilit fil-qafas tal-UNCPRD u rikonoxxut f'oqsma differenti tad-dritt tal-Unjoni, bħad-Direttiva 2019/882 jew id-Direttiva 2016/2102. L-implimentazzjoni tal-aċċessibbiltà u l-għoti ta' taħriġ biex jettejbu l-kompetenzi professjonali huma appoġġati mill-inizjattiva ewlenija "AccessibleEU" tal-Kummissjoni.
22. Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol trawwem ukoll il-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol.

23. Il-Linji Gwida jispeċifikaw li, bħala prekundizzjoni għall-parteċipazzjoni u l-aċċess għad-drittijiet, l-aċċessibbiltà hija ta' natura antiċipatorja, filwaqt li l-akkomodament raġonevoli huwa xi ħaġa li tiġi warajha, bħala mod kif jingħelbu l-ostakli li jifdal u b'rispons għall-ħtiġijiet individwali.
24. L-iżgurar ta' akkomodament raġonevoli fl-oqsma kollha tal-ħajja huwa rekwiżit tal-UNCRPD u mezz importanti biex jiġu żgurati opportunitajiet indaqs u jiġu promossi l-impjiegi fis-suq tax-xogħol miftuħ. F'konformità mal-UNCRPD, iċ-ċaħda ta' akkomodament raġonevoli tikkostitwixxi diskriminazzjoni. Madankollu, akkomodament raġonevoli ma jridx jimponi piż sproporzjonat fuq l-impjegatur. F'konformità mad-dritt tal-UE¹⁸, l-akkomodament raġonevoli huwa mezz biex tiġi appoġġata l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol fuq l-istess livell mal-oħrajn. Dan jinvolvi t-teħid ta' miżuri xierqa, fejn meħtieġ f'każ partikolari, biex persuna b'diżabbiltà tkun tista' jkollha aċċess għal impjieg, tiegħu sehem jew tavvanza fih, jew tiġi mħarrġa.
25. Kwalunkwe obbligu li jiġi previst akkomodament raġonevoli jinholq biss wara li tkun saret talba għal tali akkomodament jew meta ssir evidenti l-ħtieġa għal tali akkomodament¹⁹. Dan l-obbligu jista' jiġi implimentat permezz ta' diversi dispożizzjonijiet, kif enfasizzat mill-Kummissjoni fil-Linji Gwida. Għalkemm f'dawn l-aħħar snin sar xi progress, għad hemm sfidi sinifikanti fl-implimentazzjoni tiegħu fuq il-post tax-xogħol, inkluż fil-proċess tal-applikazzjoni jew tar-reklutaġġ, fil-prattiki tax-xogħol jew fil-bidliet fl-ambjent tax-xogħol. Għalhekk, huwa importanti li l-impjegaturi jiġu sensibilizzati dwar l-appoġġ finanzjarju u l-allowances disponibbli fl-Istati Membri.

¹⁸ L-Artikolu 5, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE.

¹⁹ Il-Kumitat dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, il-kumment ġenerali Nru 6 (2018), il-paragrafu 24(b).

26. Il-persuni b'diżabilità għadhom jiffaċċaw ostakli sinifikanti biex jaċċessaw servizzi bħall-
edukazzjoni, it-taħriġ, il-konsulenza dwar l-impjieg u l-orjentazzjoni għalih, ir-riabilitazzjoni,
il-protezzjoni soċjali kif ukoll servizzi u programmi ta' għajxien indipendenti u komunitarji,
fost affarijiet oħra minħabba l-aċċessibbiltà insuffiċjenti tas-servizzi u l-appoġġ ġenerali, kif
ukoll id-disponibbiltà insuffiċjenti ta' teknoloġiji ta' assistenza. Ir-riabilitazzjoni komprensiva
hija element importanti tas-suq tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali. Fil-proċess ta' riabilitazzjoni,
il-faċilitajiet ta' riabilitazzjoni vokazzjonali jgħinu lill-persuni b'appoġġ addizzjonali biex
jegħlbu l-ostakli, primarjament biex jaċċessaw, iżommu jew jirritornaw għall-impjieg. Dan
jgħin lill-individwi li qed jirritornaw għax-xogħol, kif ukoll lil dawk il-persuni b'diżabilità li
għadhom ma daħlux fis-suq tax-xogħol.
27. Huwa meħtieġ approċċ olistiku u ċċentrat fuq il-persuna fil-proċess ta' riabilitazzjoni ta'
persuni b'diżabilità. Dan il-proċess għandu jibda malajr kemm jista' jkun, b'valutazzjoni
rapida u dettaljata tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuna, f'tim multidixxiplinarju li jinvolvi lill-
persuna kkonċernata, u għandu jiġi pprovdut għal kemm ikun hemm bżonn.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI,
F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI NAZZJONALI TAGĦHOM, U
B'KUNSIDERAZZJONI TAĊ-ĊIRKOSTANZI NAZZJONALI U R-RWOL U L-
AWTONOMIJA TAS-SĦAB SOċJALI, BIEX:**

28. Jadottaw miżuri, inkluż l-istabbiliment ta' miri nazzjonali kwalitattivi jew kwantitattivi, biex
tiżdied ir-rata ta' impjieg tal-persuni b'diżabilità sabiex titnaqqas id-differenza bejn ir-rati ta'
impjieg tal-persuni b'diżabilità u ta' dawk mingħajr diżabilità, u biex jikkontribwixxu għall-
objettiv tal-appell relatat tal-Kummissjoni fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Diżabilità.
29. Jippromwovu l-integrazzjoni tad-diżabilità u ta' approċċ nondiskriminatorju fl-oqsma ta'
politika rilevanti, sabiex jittieħed kont tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-persuni b'diżabilità u jiġi
sfruttat il-potenzjal tagħhom kemm fl-ekonomija kif ukoll fis-soċjetà inġenerali.
30. Isaħħu, fejn meħtieġ, il-forniment ta' servizzi soċjali u ta' appoġġ ġenerali ta' kwalità għolja,
inklużivi, aċċessibbli u affordabbli u jiżguraw li dawk is-servizzi jirrispondu għal rekwiżiti ta'
kwalità bbażati fuq id-drittijiet tal-bniedem.

31. Jippromwovu u jipprovdu aċċess għal proċessi li jappoġġaw it-tranżizzjoni bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ u s-suq tax-xogħol miftuħ, kif ukoll bejn l-impjieg protett u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol miftuħ ta' persuni b'diżabilità, b'attenzjoni speċjali għall-gwida tul il-ħajja u, meta fattibbli, appoġġ kontinwu personalizzat. F'dak ir-rigward, jippromwovu l-involviment ta' atturi ewlenin, pereżempju s-sħab soċjali jew is-servizzi pubbliċi tal-impjieg. Jiżguraw li l-proċessi ta' rekrutazzjoni ikunu aċċessibbli u inklużivi, u li l-evalwazzjonijiet tal-prestazzjoni jkunu ġusti, imparzjali, u bbażati fuq il-kapaċitajiet u l-kisbiet tal-individwu.
32. Isaħħu, fejn meħtieġ, l-oqfsa nazzjonali dwar akkomodament raġonevoli u, fejn meħtieġ, jallinjawhom mal-UNCPRD.
33. Jippromwovu l-implimentazzjoni tal-linji gwida kollha skont il-Pakkett dwar l-Impjieg għall-Persuni b'Diżabilità; jappoġġaw lill-impjegaturi fl-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tal-ostakli għal akkomodament raġonevoli, kif ukoll miżuri xierqa possibbli għat-tneħħija effettiva tagħhom.
34. Jippromwovu l-edukazzjoni u miżuri ta' sensibilizzazzjoni kif ukoll programmi ta' diversità, speċjalment fost l-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju, u jinfurmawhom dwar il-finanzjament u l-programmi ta' appoġġ disponibbli.
35. Jippromwovu l-impjieg ta' persuni b'diżabilità f'suq tax-xogħol miftuħ inklużiv billi jrawmu t-trattament ugwali u jappoġġaw il-possibbiltà u l-opportunitajiet biex jittieħed vantaġġ minn arranġamenti tax-xogħol flessibbli (bħal sigħat tax-xogħol flessibbli, impjieg part-time, telexogħol, impjieg ibbażat fuq proġetti jew saħansitra kondivizzjoni ta' impjieg) li jipprovdu kundizzjonijiet tax-xogħol personalizzati u flessibbli, bl-involviment tas-sħab soċjali filwaqt li tiġi rispettata l-awtonomija tagħhom.

36. Jeżaminaw il-possibbiltajiet għall-iżvilupp u t-titjib ta' servizzi komprensivi ta' riabilitazzjoni għall-persuni b'diżabilità billi jikkunsidraw l-aspetti li ġejjin:
- a. dawn is-servizzi jappoġġaw il-parteċipazzjoni fis-soċjetà - u b'mod partikolari l-impjeg - ta' persuni b'diżabilità filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet individwali;
 - b. il-kooperazzjoni fost oqsma ta' politika rilevanti, bħas-saħħa, il-qasam soċjali, l-educazzjoni, it-taħriġ, it-taħriġ vokazzjonali u l-impjeg bil-għan li jserrħu b'mod trasparenti fuq xulxin u jappoġġaw l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità, filwaqt li jitqiesu kif support il-ħtiġijiet individwali speċifiċi tagħhom;
 - c. jipprovdu servizzi ta' kwalità aċċessibbli u affordabbli lill-persuni kollha b'diżabilità kif ukoll teknoloġiji ta' assistenza, fejn meħtieġ;
 - d. jidentifikaw u jippromwovu kapaċitajiet ġodda;
 - e. jippromwovu l-involvement attiv u effettiv tal-partijiet ikkonċernati, inkluż il-persuni b'diżabilità u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, fit-tfassil u l-iżvilupp ta' servizzi komprensivi ta' riabilitazzjoni.
37. Isaħħu r-rwol tal-ekonomija soċjali u, b'mod speċifiku, tal-intrapriżi soċjali, li jikkontribwixxu għall-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet qafas għall-ekonomija soċjali.

**JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA,
F'KONFORMITÀ MAL-KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX**

38. Itejbu, kif meħtieġ, il-ġbir tad-data dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-persuni b'diżabilità, u tad-data diżaggregata kif mitlub fil-UNCNRPD, inkluż informazzjoni dwar ir-riabilitazzjoni u l-impjeg fis-suq tax-xogħol miftuħ, u anki dwar ambjenti alternattivi.

39. Ikomplu jiskambjaw l-esperjenzi u l-aħjar prattiki mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili permezz tal-Pjattaforma Ewropea tad-Diżabilità, rigward l-appoġġ għall-promozzjoni effettiva tal-impjieg ta' persuni b'diżabilità, l-implimentazzjoni ta' akkomodament raġonevoli, il-konformità mal-leġislazzjoni dwar l-aċċessibbiltà u r-riabilitazzjoni komprensiva tal-persuni b'diżabilità.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA BIEX

40. Tħejji rapport fl-2024 li jivvaluta l-progress tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità bħala kontinwazzjoni tal-kooperazzjoni u l-konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri permezz tal-Pjattaforma Ewropea tad-Diżabilità, u biex, jekk abbażi tas-sejbiet tagħha tqis li dan huwa neċessarju, taġġorna l-Istrateġija.
41. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni ulterjuri tal-Istrateġija:
- a. teżamina, minbarra l-impjiegi, kif tista' tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva ta' akkomodament raġonevoli f'oqsma oħra tal-ħajja;
 - b. teżamina kif tista' tagħti spinta lit-tneħħija tal-ostakli eżistenti għall-aċċess, u ttejjeb l-aċċessibbiltà tal-post tax-xogħol, it-trasport u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;
 - c. tikkunsidra li tniedi azzjonijiet immirati biex jgħinu lill-impjegaturi jifhmu u jakkomodaw aħjar il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità sabiex ikunu żgurati l-partekipazzjoni u l-inklużjoni tagħhom.
42. Timmonitorja l-istatus fl-impjieg tal-persuni b'diżabilità u tiffaċilita t-tagħlim reċiproku fir-rigward tal-isfidi, l-esperjenzi u l-prattiki tajba fl-Istati Membri, inkluż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, teżamina modi biex tippromwovi aħjar l-impjiegi fis-suq tax-xogħol miftuħ tal-persuni b'diżabilità permezz ta' approċċ intersezzjonali, b'mod partikolari għan-nisa b'diżabilità.

JISTIEDEN LILL-KUMITAT TAL-IMPJIEGI U LILL-KUMITAT TAL-PROTEZZJONI SOĊJALI BIEX

43. Jippromwovu l-għbir ta' data komparabbli dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-persuni b'diżabilità filwaqt li jkomplu jiżviluppaw l-indikaturi tal-UE.
44. Jippromwovu t-tagħlim bejn il-pari u jidentifikaw prattiki tajbin fl-Istati Membri fir-rigward tad-diżabilità, inkluż fil-qasam tal-impjieg, l-akkomodament raġonevoli u l-iżvilupp u l-evalwazzjoni ta' servizzi komprensivi ta' riabilitazzjoni kif ukoll servizzi u programmi ta' għajxien indipendenti u komunitarji.

Referenzi

1. UE interistituzzjonali

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

https://commission.europa.eu/publications/european-pillar-social-rights-booklet_en

2. Leġislazzjoni tal-UE

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16–22.

Id-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku, ĠU L 327, 02/12/2016, p. 1–15

Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70–115.

3. Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà 2021-2030 (9749/1/21 REV1)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-inklużjoni ta' persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol (15134/22)

Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 20/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri – "Nappoġġaw lill-persuni b'diżabbiltà" (15364/23)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2023 dwar l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ta' qafas tal-ekonomija soċjali (C/2023/1344)

4. Parlament Ewropew

Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 2022 lejn drittijiet ugwali għall-persuni b'diżabilità (2022/2026(INI))

5. Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni dwar "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030", COM (2021) 101 final

Pakkett dwar l-Impjiegi għall-Persuni b'Diżabbiltà biex jittejbu l-eżiti tas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabbiltà

<https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1597&langId=mt>

Akkomodament raġonevoli fuq il-post tax-xogħol - linji gwida u prattiki tajba

<https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=8612&furtherPubs=yes>

Linji gwida għal skemi effettivi ta' riabilitazzjoni vokazzjonali li jkopru mard frekwenti u tipi ta' inċidenti

<https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1597&langId=mt>

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Nuqqas ta' ħaddiema u ta' hili fl-UE: pjan ta' azzjoni", (COM(2024) 131 final)

6. Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Opinjoni: L-integrazzjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità – Il-promozzjoni tal-integrazzjoni soċjali tal-persuni b'diżabilità u tal-persuni b'kapaċità għax-xogħol mibdula (SOC/807)

7. Nazzjonijiet Uniti

Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità

Il-Kumment ġenerali Nru 8 (2022) tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità dwar id-dritt tal-persuni b'diżabilità għax-xogħol u għall-impjieg

Il-Kumment ġenerali Nru 2 (2014) tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità dwar l-Aċċessibbiltà

8. Eurostat

Disability statistics introduced – Eurostat Statistics Explained:

https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Disability_statistics_introduced#Disability_models
